# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Gimgha 26 ta' April, 2002 .

### Avviz numru : 74/1996G2(Pc)

Enemalta Corporation .

vs

Emanuel Mercieca, George Mercieca u Mario Mercieca .

Il-Qorti ,

Rat l-Avviz li permezz tieghu l-Korporazzjoni attrici talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhomx jigu kkundannati jhallsuha s-somma ta' tmien mija u hamsa u hamsin lira Maltin u disghin centezmu (Lm855.90) rapprezentanti l-prezz ta' danni minnhom ikkagunati fi proprjeta' tal-Korporazzjoni fi Gnien Sultan, Limiti ta' Sanat, Ghawdex, fit-3 ta' Awissu, 1994 .

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' Gunju, 1996, oltre ghall-imghax legali minn notifika ta' l-ittra ufficjali sa' l-effettiv pagament kontra taghkom ingunti personalment ghas-subizzjoni .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew :

1. Illi l-avviz odjern huwa monk u null u dana peress illi ma fih l-ebda talba sabiex il-konvenuti jew min minnhom jigu dikjarati responsabbli ghad-danni msemmija fl-avviz ;

2. Illi minghajr l-ebda pregudizzju ghall-premess, il-konvenuti ma humiex responsabbli ghall-ebda hlas ta' danni ;

3. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr l-ebda pregudizzju ghall-premess l-ammont mitlub huwa esagerat ;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt .

Rat in-nota tal-Korporazzjoni attrici ta' l-1 ta' Frar 2001 li biha rriduciet it-talba ghas-somma ta' mija hamsa u hamsin lira u hamsa u tletin centezmu (Lm155.35) .

Rat l-atti l-ohra kolha tal-kawza, inkluzi d-dokumenti esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugha .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta'  din il-kawza l-korporazzjoni attrici qed tirreklama minghand il-konvenuti d-danni allegatament ikkagunati lilha per konsegwenza ta' incident sfortunat li seta' kellu konsegwenzi ferm aktar gravi meta fid-data indikata fl-Avviz inqata' l-fuse ta' high tension cables f'Sannat, u ghal xi  hin partijiet minn Ghawdex kienu bla dawl .  L-ammont reklamat ghalhekk jirraprezenta l-introjtu lil l-Enemlata tikkalkula li naqset milli ddahhal konsegwenza ta' dan l-incident (ara xhieda Silvio Decelis u Dok. SD 1 a fol .32)

Gara illi dakinhar ta' l-incident il-konvenuti Emanuel Mercieca u ibnu Mario kienu qeghdin itellghu hajt madwar giebja f'ghalqa fl-inhawi maghrufa "ta' Gnien is-Sultan" limiti ta' Sannat .  Lejliet kienu armaw high-up crane qrib bejn hdax (11) u sittax (16) il-pied minn arblu tal-high-tension, proprjeta' tal-korporazzjoni attrici, biex jiffacilitaw il-garr tal-gebel fuq il-post . Ghall-habta ta' nofsinhar, il-konvenut l-iehor George Mercieca, waqt li missieru u huh kienu ghadhom fil-giebja, wasal fuq il-post b'thermos tal-kafe' li kienet ippreparatilhom ommu .  F'daqqa wahda jinstema' ghajjat kbir u Emanuel u Mario Mercieca hargu mill-giebja u jaraw lil George ma' l-art bin-nar hiereg minn hdejh .   Li kieku ma' kienitx l-ghajnuna fil-pront li ta Mario Mercieca lil huh, billi amministralu l-Cardio Pulmonary Resuscitation, George Mercieca certament ma kienx isalva .

Il-korporazzjoni attrici tallega illi dan l-incident gara htija tat-traskuragni tal-konvenuti li laqtu l-cables tal-high tension bil-crane waqt li kienu qed jaghmlu x-xoghol fl-inhawi .  Ta' din l-allegazzjoni pero' ma ngiebet ebda prova konkreta, ghax ma kien hemm ebda xhud okulari ta' l-incident in kwistjoni ghajr l-istess konvenuti, li dak il-hin kienu wahedhom  fuq il-post ta' l-incident .  L-istess konvenuti jichdu kategorikament illi l-incident sehh waqt illi huma kienu qed ihaddmu l-crane taghhom, jew lill-istess crane mess xi cable tad-dawl u din il-Qorti ma tara li tezisti ebda raguni  ghaliex m'ghandhiex taccetta l-verzjoni taghhom ta' kif sehhew l-affarijiet bhala l-verita' tal-fatti .  Fil-fehma taghha kieku tassew George Mercieca kien qed ihaddem il-crane x'hin ha x-xokk elettriku, u mhux semplicememt li ghadda minn fejnu, l-konsegwenzi x'aktarx illi kienu jkunu fatali .

Ghal dawn il-motivi u peress illi t-talba attrici ma tirrizultax gustifikata, tiddecidi l-kawza billi tichad l-istess talba, bl-ispejjez kontra l-korporazzjoni attrici .

(ft) Paul Coppini
Magistrat .

(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-Registratur
S7496G2(Pc)
585